MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 913/2001/1

**Carmel u Doris Attard Cassar**

**Vs**

**Anthony Lia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizbombra mill-ghalqa imsejha tal-Kappillan fil-limiti ta' Haz-Zabbar, liema ghalqa qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ta' dan il-fond ma jeccedix is-somma ta' Lm500 fis-sena.

Bl-ispejjes, inkluzi da' ittri bonarji debitament mibghutin kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi hemm karenza ta' interess guridiku fl-atturi in kwantu huma ma humiex is-sidien tal-ghalqa mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi l-pretensjoni tal-atturi li huma s-sidien ma hiex bazata fuq titolu originali. Fid-dawl tal-karenza ta' titolu originali abbinat mal-kontestazzjoni dwar il-pretensjoni tad-dominju, l-atturi iridu qabel xejn jippruvaw l-estremi fit-termini tal-*actio rei vendicatoria* u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma hiex kompetenti *rationae materiae* stante li tali materja hi ta' kompetenza ta' l-Prim'Awla. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm l-*actio rei vendicatoria* talvolta intavolata mill-atturi tkun definittavament deciza.
3. Illi bla pregudizzju ghall-premess din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti rationae materiae in kwantu l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa de quo b'titolu validu skond il-ligi.
4. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa de quo b'titolu validu fil-ligi.
5. Salvi eccezzojnijiet ohra.

Rat in-nota spjegattiva tal-konvenut a fol 26 ibid u dan in rigward id-digriet moghti mill-Qorti fis-7 ta' Jannar 2002.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-23 ta' Mejju 2005 (fol 78 ibid) u li biha gew michuda l-ewwel (1) w it-tieni (2) eccezzjoni sottomessi mill-konvenut u gie ordnat illi din il-kawza titkompla sabiex tigi deciza fil-meritu wara konsiderazzoni tal-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, minhabba n-natura tal-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut kien hemm l-inversjoni fil-provi u dan in rigward it-titolu legali vantat mill-konvenut.

Illi, permezz tan-nota spjegattiva sottomessa minnu (fol 26 ibid), il-konvenut kien iddikjara illi l-istess ghalqa kienet tinhadem minn Salvu ossija Salvatore Lia, nannuh. Meta dan kien miet, l-ghalqa, ovjament ma baqghetx tinhadem minnu. Izda madwar ghaxar snin ilu (cjoe fl-1992), Wenzu ossija Lorenzo Vella, iz-ziju tal-atturi, li kien joqghod biswit l-istess ghalqa kien ippropona lill-konvenut sabiex jahdem l-istess ghalqa u filfatt kien ftiehem verbalment, mal-konvenut li dan, jahdimha u jhallas Lm40 fis-sena' lill-istess Wenzu Vella oltre zewg kaxxi ta' patata u tnejn ohra ta' basal. Ta' dan kollu, pero, Wenzu Vella ma kienx jrid jirrilaxxja ircevuta. Dwar dan il-konvenut kompla billi qal illi haseb li Wenzu Vella kien is-sid tal-istess ghalqa u b'hekk kien qed jahdimha bil-kunsens tas-sid. Sussegwentement, pero, minn ricerki li ghamel, il-konvenut skopra li Wenzu Vella ma kienx is-sid tal-ghalqa in kwistjoni. Dwar l-istess <u>konvenut</u>, meta dan xehed, taht gurament, (fol 40 et seq ibid) qal li kien jhallas lill-Wenzu Vella u jaghtih, is-somma u l-prodotti hawn fuq imsemmija kull sena'. Dan il-hlas, fi flus u fi prodotti kien beda jsir mill-1991, peress li qabel din is-sena', l-ghalqa ma kienetx f'idejh. Hu kompla jghid illi meta kien ghamel l-ewwel hlas Wenzu Vella, mitlub li jaghti ricevuta, kien informah illi "… <u>s-sid ta' dik l-ghalqa kien siefer barra minn Malta u miet hemm. Kien qalli l-ghalqa ma hiex tieghu</u>".

Illi mill-konvenut gie prodott sabiex jixhed <u>Grezzju Camilleri</u> li qal (fol 86 u fol 96 et seq ibid) illi, gieli, kien jakkumpanja, lill-konvenut ghand "<u>certu Pacik</u>" meta l-konvenut kien jaghti lil dan, Lm40 kif ukoll zewg (2) kaxxi ta' patata u tnejn (2) ohra ta' basal u dan <u>"… sabiex ihallas lil Pacik</u> ta' l-ghalqa". Dwar "Pacik", ix-xhud kien, qal illi kien miet u matul hajtu kien joqghod ma' genb l-ghalqa in kwistjoni u kellu garage bid-dar tieghu mal-istess "garage". Dwar meta kien miet dan "Pacik", ix-xhud qal li dan kien gara "madwar sitta (6) seba' (7) snin ilu". Sussegwentement, meta gie riprodott mill-stess konvenut, dan ix-xhud ikkorrega ruhu fis-sens li ta' x'jifhem illi

”Pacik” kien il-laqam ta’ Wenzu Vella u “Jien minghalija Wenzu kien jismu Pacik ghalhekk semmejtu bhala Pacik fix-xhieda tieghi precedenti”.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, Carmel Zammit (fol 94, fol 145 u fol 151 et seq ibid) beda billi qal illi Lorenzo Vella kien zijuh u meta miet, hu kien intiret minnu u minn Doris Attard Cassar, l-attrici. L-istess attur, fix-xhieda tieghu, semma’ punt, li fil-fehma tal-Qorti hu rilevaneti hafna. Hu qal illi meta l-istess zijuh kien fl-Isptar, dan kien irceva formola ta’ censiment tar-raba’ u meta kien tkellem ma zijuh dwarha l-istess zijuh kien qal lill-attur sabiex jmur ghand il-konvenut “… biex jitla’ minfloku u jghidilhom li hu ma jistax jitla’ ghax kien l-Isptar”.. Difatti dwar dan, l-attur kien presenti meta kien sar diskors bejn Lorenzo Vella u l-konvenut dwar x’kellu jaghmel dan in konnessjoni mac-censiment imsemmi. Hu semma’ ukoll illi fil-pussess tieghu kellu r-registru li kien jzomm Lorenzo Vella u li fih kienu jitnizzlu l-hlasijiet kollha li zijuh kien jircevi kull sena’ bhala kirjiet u fih, imkien ma hemm imnizzel x’pagament li seta’ ghamel il-konvenut, bhala qbiela jew kera fuq l-istess ghalqa (ara fol 97 et seq ibid u l-original ta’ dawn id-dokumenti a fol 144 ibid). Wara l-mewt ta’ Lorenzo Vella, l-atturi kienu marru fl-Ghammieri u hawnhekk, huma rregistraw l-ghalqa in kwistjoni fuq isimhom (ara ukoll ix-xhieda ta’ Alfred Farrugia a fol 46 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi kollha rilevanti ghal dan il-kaz, il-Qorti trid u ser tara, jekk fuq bazi ta’ probabilita ossija, fi kliemu aktar semplici “aktarx iva milli le”, il-konvenut ipprova o meno illi hu jiddetjeni l-ghalqa in kwistjoni b’titolu ta’ kera.

Illi, in sostenn ta’ dak ritenut mill-konvenut hemm is-segwenti provi;

a) Ma hemm ebda dubbju illi l-ghalqa qed tinhadem minnu u ilha hekk minn madwar l-1990.

b) L-istess konvenut xehed illi kien hemm ftehim verbali bejnu u Lorenzo Vella.
c) Hu minnu illi ma hemm ebda prova, permezz ta' xi forma ta' kitba, illi tali ftehim kien jesisti. Pero jigi notat illi, mill-provi, irrisulta illi meta Lorenzo Vella kien irceva d-dokumenti ta' censiment hu kien baghat l-istess dokumenti lill-konvenut, liema fatt juri u jindika illi tali ftehim ta' lokazzjoni kien effettivament jesisti.

Illi, ghalhekk, il-Qorti hi propensa sabiex tghid dejjem fuq basi ta' probabilta, illi tali ftehim kien jesisti, b'mod validu skond il-ligi.

Illi, a fol 113 ibid, hemm kopja ta' cedola ta' depositu tal-kera fuq l-ghalqa in kwistjoni. Din ic-cedola, pero, saret mhux mill-konvenut izda minn Alexander Lia. Dan il-punt pero', jidher li hu irrilevanti ghall-kaz stante li fil-fehma tal-Qorti il-kera jappartjeni lill-konvenut missier Alexander Lia.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li, fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn l-istess partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------